MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru. 111/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**- vs -**

**FRANCIS ZAMMIT**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francis Zammit ta' 27 sena bin Tarcisio u Antoinette nee` Bugeja imwieled ir-Rabat, Ghawdex fis-6 ta' Settemrbu 1976 u residenti Plot 3, Triq id-Dawwara, Rabat, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 26776 G) gie mressaq quddiemha akkuzat f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli f'dawn il-Gzejjer wara tfittxija li saret fil-fond Café` San Gorg, Rabat minn ufficcjali tad-Dwana u l-pulizija fit-13

t'Awissu 2003 instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoniji tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu erbat ifliexken Vodka tal-litru Smirnoff u flixkun Vodka tal-litru (tlett kwarti mimli) u dan bi hsieb li jiffroda ill-gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, liema fliexken tax-xorb huma mnizzlin fin-nota ta' qbid Numru 54/2003 ghandhom valur totali ta' Lm7.35 bla dazju kif inhuma mnizzlin fin-nota ta' qbid, liema fliexken ghandhom dazju tas-Sisa dovut ta' Lm20 u liema Dazju tas-Sisa ma giex imhallas u/jew kawtelat u li fuqhom kellha tithallas Taxxa mposta u Taxxa fuq il-Valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm4.10c3 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) kif ukoll bi ksur ta' l-Artikoli 60 (a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u l-Artikoli 16 (j) u 17 (a) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom il-letter to Prosecute mill-Kontrollur tad-Dwana, il-letter to Prosecute tad-Dipartiment tal-VAT u l-fedina penali tal-imputat.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur tesebixxi formalment erbgha fliexken tal-Vodka.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tat-22 t'April 2004 u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandix triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi fuq indikati, tiddeciedi billi tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' Lm38.80 u inoltre tikkundannha ghal piena ta' gimgha prigunerija pero ai termini tal-artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li dan il-perjodu jigi sospizi ghal prjodu ta' sitt xhur

taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'dan l-istess perjodu.

Oltre dan tordna l-konfiska tal-fliexken esebiti formalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------